# MISTOQSIJIET DWAR IT-TWEMMIN TAGĦNA U T-TWEĠIBIET TAGĦHOM

**George Ebejer**

## 1. X'inhu Kristjan?

**Atti 11:21, 24, 26** – "*U id il-Mulej kienet magħhom, u kbir kien il-għad ta' dawk* ***li daru lejn il-Mulej****…u ġemgħa kbira ta' nies* ***ingħaqdet*** *mal-Mulej….Għaddew sena sħiħa flimkien [Barnaba u Sawl] fil-knisja, u għallmu kotra kbira ta' nies. Kien f'Antjokja li d-dixxipli għal l-ewwel darba sejħulhom '****Kristjani****.'*"

**1 Pietru 4:16** – "*Imma jekk wieħed* ***isofri*** *għax hu Kristjan, m'għandux imniex jistħi; ħa* ***jfaħħar*** *lil Alla b'dan l-isem.*"

## 2. Huwa kull min jemmen f'Alla u fi Kristu Kristjan?

**Ġakbu 2:19** – "*Inti temmen li Alla huwa wieħed, u tagħmel sew. U dan id-****demonji wkoll jemmnuh****, u jitriegħdu.*"

**2 Korintin 11:13-15** – "*Dawn l-appostli foloz, ħaddiema qarrieqa, ibiddlu lilhom infushom* ***f'appostli ta' Kristu****. Mhux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl. Mhix ħaġa kbira, mela, jekk il-qaddejja tiegħu jitbiddlulek bħallikieku kienu qaddejja tal-ġustizzja. Iżda tmiemhom ikun skond għemilhom.*"

**Luqa 6:46** – "*Għaliex* ***issejħuli****, 'Mulej, Mulej,' u mbagħad ma tagħmlux dak li ngħid jien?*"

## 3. Kif inkun naf dwar emmieni tassew u falz?

**1 Ġwanni 4:2-3** – "*L-ispirtu ta' Alla tagħarfuh b'dan: kull spirtu,* ***li jistqarr li Ġesù Kristu sar bniedem****, hu minn Alla. U kull spirtu,* ***li ma jistqarrx lil Ġesù****, mhuwiex minn Alla; dan hu l-ispirtu ta' l-antikrist, li intom smajtu li għandu jiġi, anzi minn issa stess ġa qiegħed fid-dinja.*"

## 4. Kif aħna nkunu nafu jekk aħniex qegħdin nimxu b'mod korrett jew le?

**1 Ġwanni 2:3-6** – "*B'dan nafu li nagħarfu 'l Ġesù:* ***jekk inżommu l-kmandamenti tiegħu****. Min jgħid "Jien nafu"u ma jżommx il-kmandamenti tiegħu, hu giddieb u l-verità mhix fih. Iżda* ***kull min iżomm il-kelma tiegħu****, fih hemm tassew l-imħabba ta' Alla fil-milja tagħha. B'dan nagħarfu li aħna fih. Min igħid li qiegħed igħammar fih, jeħtieġ* ***li hu jgħix kif għex hu stess****.*

**Ġwanni 14:23-24** – "*Ġesù wieġbu: "****Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti****, u Missieri jħobbu, u aħna niġu ngħammru għandu.* ***Min ma***

***jħobbnix ma jħarisx kliemi**. U l-kelma li qegħdin tisimgħu mhijiex tiegħi, imma tal-Missier li bagħatni.*"

**Mattew 7:15-16** – "*Ifthu għajnejkom mill-profeti foloz; għax dawn jiġu għandkom libsin ta' ngħaġ, u minn ġewwa jkunu lpup ħattafa! **Mill-frott tagħhom** tagħarfuhom. Jaqaw jiġbru għeneb mix-xewk jew tin mill-għolliq?*"

**Luqa 8:11** – "*…**iż-żerriegħa** hi l-kelma ta' Alla.*"

**Ġwanni 8:31-32** – "*Ġesù qal lil-Lhud li emmnu: "Jekk **iżżommu fil-kelma tiegħi,** tkunu **tassew** dixxipli tiegħi, u tagħrfu l-verità, u l-verità tħliskom.*"

## 5. X'inhi reliġjon?

**Ġakbu 1:27** – "*Reliġjon safja quddiem Alla u 'l Missier hi din: **Iżżur l-iltiema u r-romol fil-hemm tagħhom, u li żżomm lilek innifsek bla tebgħa mid-dinja**.*"

## 6. Għaliex hemm daqshekk reliġjonijiet fid-dinja tagħna?

**Mattew 24:24** – "*Għax għad jitfaċċaw **ħafna messijiet foloz u profeti foloz,** u jibdew jagħmlu sinjali kbar u għeġubijiet biex iqarrqu, jekk jista' jkun, imqar bil-maħturin.*"

## 7. Mela aħna m'aħniex qegħdin nimxu wara reliġjonijiet differenti imma pjuttost dottrini differenti tal-bnedmin?

**Mattew 15:9** – "*Fiergħa hija l-qima li jagħtuni; **igħallmu dottrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin**.*"

**2 Timotju 3:5, 7** – "*Nies li jiċħdu l-qawwa tat-tjieba, minkejja li **minn barra jagħmluha ta' tajbin**. Nies bħal dawn aħrabhom…li dejjem lesti biex jitgħallmu, imma **li qatt ma jseħħilhom jaslu biex jagħarfu l-verità**.*"

**2 Pietru 2:1-3** – "*Dehru wkoll profeti foloz **fost il-polu ta' Alla**, kif għad ikun hemm għalliema foloz **fostkom**. Dawn idaħħlu firdiet li jġibu l-qerda, sa jaslu biex jiċħdu s-Sid li għalih kisibhom u malajr iġibu l-qerda fuqhom infushom. Ikun hemm **ħafna li jimxu skond l-imġiba bla rażan tagħhom**, u ħtija tagħhom tkun imkasbra t-triq tal-verità. Imqanqlin mir-regħba tagħhom jagħmlu negozju minn fuqkom bi kliem qarrieq. Imma l-kundanna tagħhom ġa ilha minn żmien taħdem, u l-qerda tagħhom ma raqditx.*"

**Mark 7:7-8** – "*Dan il-poplu bix-xofftejn biss jagħtini ġieħ, imma qalbhom hija 'l bogħod minni. Fiergħa hi l-qima li jagħtuni; **igħal-lmu dottrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin**. Hekk intom*

***twarrbu** l-kmandamenti ta' Alla **biex tħaddnu** t-tradizzjonijiet tal-bnedmin." U qalilhom: 'Ħelu **ħelu ġgibu fix-xejn** il-kmandamenti ta' Alla **biex tħarsu** t-tradizzjonijiet tagħkom."*

**1 Korintin 1:12-13** – *"Irrid ngħid jien li kull wieħed minnkom qiegħed igħid, "Jiena ta' Pawlu", "U jiena ta' Apollo", "U jiena ta' Kefa", "U jiena ta' Kristu". **Jaqaw Kristu mifrud**? Forsi Pawlu kien li ssallab għalikom jew f'isem Pawlu tgħammidtu?"*

## 8. Min hu l-għalliem reali tal-fidi tagħna?

**Ġwanni 14:16-17** – *"U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom, l-Ispirtu tal-verità, li d-dinja ma tistax tirċevih, għax hija la tarah u lanqas tagħarfu. Iżda intom tagħarfuh, għaliex igħammar magħkom, u hawn fikom.*

**1 Ġwanni 2:27** – *"Imma d-dlik li ħadt minn għandu jibqa' fikom, u ma taħtiġux li ħaddieħor igħallimkom. Imma billi d-dlik tiegħu jgħallimkom fuq kollox, għax hu veru, u mhux gidvba, u billi hu għallimkom, ibqgħu fih."*

**Ġwanni 14:26** – *"Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, igħallmikom kollox u jfakkarkom dak kollu li għed-tilkom."*

**1 Korintin 2:9-13** – *"Imma, bħal ma hu miktub, aħna nħabbru "dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet, u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak li **Alla** lesta għal dawk li jħobbuh." **Alla** irrivelahulna permezz ta' **l-Ispirtu**; għax l-Ispirtu jgħarbel kollox, sa fil-qiegħ ta' Alla. Min qatt għaraf dak li hemm moħbi fil-bniedem jekk mhux l-ispirtu tal-bniedem li hemm fih? Hekk ukoll ħadd ma jagħraf dak li hemm f'Alla ħlief l-Ispirtu t'Alla. Aħna ma ħadniex l-ispirtu ta' din id-dinja, imma **l-Ispirtu ta' Alla**, biex nagħarfu d-doni li **Alla** għoġbu jagħtina. Dawn il-ħwejjeġ ħabbarnihomlkom bi kliem li ma tgħallimniehx mill-għerf tal-bnedmin, imma mill-**Ispir-tu**, u fissirna ħwejjeġ spiritwali lil nies spiritwali."*

**Galatin 1:11-12** – *"Dan ngħarrafkom, ħuti: l-Evanġelju li ħabbar-tilkom jiena mhuwiex Evanġelju tal-bnedmin. Għax jiena mhux mingħand bniedem irċevejtu jew tgħallimtu, imma kien irrivelat lili **minn Ġesù Kristu**."*

**1 Tessalonikin 2:13** – *"Aħna nżżu ħajr bla heda lil Alla talli l-**kelma t'Alla**, li intom smajtu minn għandna, ilqajtuha mhux bħala kelma ta' bniedem, iżda bħala **kelma ta' Alla, kif tassew hi**: dik il-kelma li qiegħeda taħdem fikom li emmintu."*

**2 Timotju 3:16-17** – *"l-Iskrittura* ***kollha*** *hija mnebbha minn* ***Alla****, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba."*

## 9. Imma nista' jiena nkun ċert li jiena nkun naf tassew ir-rieda ta' Alla?

**2 Pietru 1:20-21** – *"****Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu****: li l-ebda profezija ta' l-Iskrittura ma għandu* ***ħadd*** *ifissirha minn rasu. Għax* ***qatt*** *ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin* ***mill-Ispirtu s-Santu****."*

**Ġwanni 15:26** – *"Meta jiġi d-Difensur, li se nibgħatilkom min-għand il-Missier, l-Ispirtu tal-verità, li ġej mill-Missier, huwa jixhed għalija."*

## 10. U kif nista' jiena nkun nafu dan?

**Atti 17:11** – *"Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kul-jum* ***bdew iqallbu l-Iskrittura*** *biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu."*

**1 Korintin 10:15** – *"Lil nies għaqlin qiegħed inkellem;* ***għarblu intom*** *kull ma ngħid."*

## 11. Għaliex, mela, huwa daqshekk iebes biex tifhem il-Bibbja?

**1 Korintin 1:27-29** – *"Imma Alla għażel in-nies* ***boloh*** *għad-dinja biex iħwwad il-għorrief; għażel* ***id-dgħajfa*** *tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel* ***il-mistmerra*** *mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn,* ***biex iġib fix-xejn*** *'il dawk li huma xi ħaġa. Hekk ebda bnie-dem ma jkun jista' jiftaħar quddiem Alla."*

**Luqa 10:21** – *"F'dak l-istess ħin Ġesù tqanqal bil-ferħ mill-Ispirtu s-Santu u qal: "Infaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art, għax int dawn il-ħwejjeġ* ***ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin****."*

**Ġakbu 1:5-7** – *"Jekk xi ħadd minnkom joqsu l-għerf, għandu* ***jitlob*** *lil Alla, li jagħti lil kulħadd b'id miftuħa u bla ma jċanfar 'il ħadd, u jaħtihulu. Mela ħa* ***jitlob bil-fidi****, bla ma jitħasseb xejn, għax min jitħasseb ikun jixbaħ lill-mewġ tal-baħar imqanqal u mqalleb mir-riħ. Bniedem bħal dan ma għandux jistenna li se jaqla' xi ħaġa mingħand il-Mulej."*

**Proverbji 1:1-4, 7, 20-22** – "*Il-proverbji ta' Salamun, bin David, sultan ta' Iżrael; Biex il-bniedem jagħraf il-għerf u t-tagħlim; biex jifhem kliem ta' dehen. Biex jilqa' tagħlim fuq il-għerf, fuq il-ħaqq, fuq is-sewwa, fuq l-onestà. Biex jagħti l-għaqal lil min ma jafx, u liż-żagħżugħ tagħrif u dehen…*[7]*Il-**biża'** tal-Mulej hu l-bidu tat-tagħlim : iżda l-boloh **jistmerru l-għerf u t-twiddib**….*[20]*il-għerf igħajjat barra; fl-imsieraħ isamma' leħnu.* [21]*F'ras it-toroq iffullati jsejjaħ, fid-daħla tal-bwieb: fil-belt isamma' kliemu, billi jgħid:* [22]***Kemm sa ddumu**, intom ta' moħħkom dgħajjef, tħobbu t-tfulija? U l-keshin **jitgħaxxqu bil-ksuħa tagħhom**, u l-boloh **jobogħdu t-tagħlim**?*"

**Mattew 7:7-8** – "***Itolbu**, u jingħatalkom; **fittxu**, u ssibu; **ħabbtu**, u jiftħulkom. Għax min **jitlob**, jaqla'; min **ifittex**, isib; u min **iħabbat**, jiftħulu.*"

**Proverbji 2:3-5** – "*Iva, **jekk** int issejjaħ id-dehen, u għall-fehma t-tajba int tarfa' leħnek; **Jekk** tfittxu bħallikieku fidda, u tħaffer għalih bħallikieku teżori moħbija; Inti tifhem il-biża' tal-Mulej, **u ssib it-tagħrif t'Alla**.*"

**Mattew 13:44** – "*Is-saltna ta' Alla tixbaħ lil teżor moħbi f'għalqa, li wieħed raġel **isibu u jaħbih**, u kollu ferħan imur ibigħ kull ma jkollu u jixtri dik il-għalqa.*"

## 12. Imma ma neħtieġux aħna li nkunu edukati tajjeb biex nifhmu lil Alla? Ma kinux Kristu u l-appostli Tiegħu nies edukati għal dak iż-żmien?

**Mattew 13:54-56** – "*U mar lejn pajjiżu. Daħal igħallem lin-nies fis-sinagoga tagħhom, u huma baqgħu mistagħġba hekk li bdew igħidu: "**Mnejn ġieb dan il-għerf** u din il-qawwa tal-għaġeb? **Dan mhuwiex** bin il-mastrudaxxa? Ommu mhijiex dik li jisimha Marija, u ħutu Ġakbu u Ġużeppi u Xmun u Ġuda? U ħutu l-bniet mhumiex hawn magħna?*" (ara wkoll Mark 6:2-3).

**Atti 4:13** – "*Meta l-kapijiet raw il-kuraġġ li bih Pietru u Ġwanni kienu tkellmu, baqgħu mistagħġba bihom, għax kienu jafu kemm dawn kienu nises sempliċi **u bla tagħlim**, u fehmu sewwa li kienu nies ta' madwar Ġesù.*"

## 13. Jekk jiena nemmen li nikseb il-għana billi Alla jkun ferħan bija, sewwa?

**2 Timotju 3:12** – "*U dawk li jridu jgħixu ħajja tajba fi Kristu Ġesù lkoll jgħaddu mill-persekuzzjoni.*"

**2 Korintin 8:14-15** – "*Bħalissa ż-żejjed tagħkom jagħmel tajjeb għan-nieqes ta' dawk li ma għandhomx, biex iż-żejjed tagħhom għad ikun jista' jpatti għan-nieqes tagħkom. U hekk ikun kulħadd indaqs, bħalma hemm miktub: 'Min ġabar ħafna ma sabx iżżejjed, u min ġabar ftit ma baqax nieqes.'*"

**Atti 2:44-45** – "*Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibigħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skond il-ħtieġa ta' kull wieħed.*"

## 14. Dwar nies Sinjuri, l-għonja.

**Mattew 19:23-24** – "*Imbagħad Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: 'Tassew, ngħidilkom, li l-għonja se jsibuha iebsa biex jidħlu fis-Saltna tas-Smewwiet! Iva, nerġa' ngħidilkom, eħfef li ġemel igħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għandi jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet!*"

**Ġakbu 1:9-11** – "*Ħa jiftaħar ħuna l-fqir li Alla għollieh, u l-għani jiftaħar fl-umiljazzjoni tiegħu. Għax dan igħib bħal fjura tal-ħaxix; titla' x-xemx tiżreġ u bis-sħana tnixxef il-ħaxix, u l-fjur tiegħu jaqa' u s-sbuħija ta' surtu tgħib: hekk ukoll jiġrilu l-għani f'kull ma jmidd għonqu għalih.*"

**2 Korintin 8:13-15** – "*Mhux biex il-piż iħeff minn fuq l-oħrajn u jaqa' kollu fuqkom. Bħalissa ż-żejjed tagħkom jagħmel tajjeb għan-nieqes ta' dawk li ma għandhomx, biex iż-żejjed tagħhom għad ikun jista' jpatti għan-nieqes tagħkom. U hekk ikun kulħadd indaqs, bħalma hemm miktub: 'Min ġabar ħafna ma sabx iżżejjed, u min ġabar ftit ma baqax nieqes.'*"

**Proverbji 22:16** – "*Min igħakkes il-fqir biex hu jistagħna, jew min jagħti lill-għani, żgur jiġi hu fil-bżonn.*"

**Ġakbu 2:5** – "*Isimgħu, ħuti għeżież: mhux Alla kien li għażel il-foqra għad-dinja biex jistagħnew fil-fidi u jsiru werrieta tas-Saltna li hu wieħed lil dawk li jħobbuh?*"

**Ġakbu 5:1-6** – "*Ejjew issa, intom il-għonja, ibku u ixhru fuq il-għawġ li ġej fuqkom! ġidkom tħassar, ħwejjiġkom kilithomlkom il-kamla. Id-deheb u l-fidda tagħkom rabbew is-sadid, u s-sadid tagħhom għad jixhed kontra tagħkom u jiklilkom ġisimkom bħan-nar. Ħżintu l-ġid fl-aħħar jiem! Ara, il-ħlas tal-ħaddiema li ħasdu l-egħlieqi tagħkom—ħlas li intom żammejtuhulhom bil-qerq—qiegħed*

*igħajjat kontra tagħkom, u l-biki ta' dawk li ħasdu wasal f'widnejn il-Mulej ta' l-eżerċti. Fuq l-art għexu fix-xalar u l-lussu; qgħadtu tissemmnu għall-jum tal-qatla. Imtom għamiltu ħaqq mill-ġust, qtiltuh għax ma jistax jiqfilkom!*"

**1 Timotju 6:10** – "*Għax* ***l-imħabba*** *għall-flus hi l-għerq ta' kull ħażen; kien ħtija ta' din r-regħba li xi wħud* ***ħarġu barra*** *mit-triq tal-fidi u nfnew b'niket kbir.*"

## 15. Min hu dak li Kristu gie biex isalvah?

**Rumani 3:10, 23** – "*Ħadd, ebda wieħed, ma hu ġust;…*[23]*Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla.*"

**Mattew 9:13** – "*Hu semagħhom, u qal: "It-tabib ma jaħtiġuhx dawk li huma f'saħħithom, iżda l-morda. Mela morru tgħallmu x'jiġifieri 'Ħniena nistenna, u mhux sagrifiċċju'; gmhux lill-ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin.'*"

**Luqa 5:31-32** – "*U Ġesù weġibhom: 'Mhux dawk li huma b'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda. Jien mhux lill-ġusti* ***ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin*** *għal l-indiema.*" (Mhux trabi).

## 16. Ma' min aħna naqsmu?

**Ġakbu 2:15-16** – "*Jekk ħuk jew oħtok ikunu għarwenin u neqsin mill-ikel ta' kuljum, u wieħed minnkom igħidilhom: 'Morru bis-sliem, isħnu u kulu sa tixbgħu, bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa?*"

**1 Ġwanni 3:17** – "*Mela jekk wieħed għandu biex igħix fid-dinja u jara 'l ħuh fil-bżonn u jagħlaq qalbu għalih, kif tista' l-imħabba ta' Alla tgħammar fih?*"

## 17. Imma min huma ħutna subjien u bniet?

**Mattew 12:47-50** – "*Xi ħadd qallu: "Ara, ommok u ħutek, qegħdin barra jfittxu li jkellmuk." Iżda hu wieġeb lil dak li kellmu, u qallu: "Min hi ommi? U min huma ħuti?" Imbagħad medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qal: "Dawn, araw, huma ommi u ħuti. Għax kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak huwa ħija, u oħri, u ommi.*"

## 18. X'inhu mfisser bi twiddib? Għaliex Alla jwiddibna jekk aħna ngħażlu li nimxu Warajh?

**Proverbji 3:11-12** – "*Ibni, it-tagħlim tal-Mulej la tistmellux; u la tiddejjaqx bit-twiddib tiegħu: Għax il-Mulej iwiddeb lil min iħobb; bħal ma jagħmel missier ma' ibnu li bih jitgħaxxaq.*"

**Lhud 12:5-8** – *"Insejtu għal kollox il-kelma ta' twissija li qalilkom ta' wlied li intom: "Ibni, la twarrabx it-twiddib tal-Mulej, u la taqtax qalbek meta jċanfrek; għax il-Mulej iwiddeb lil min iħobb, jolqot lil kull min jilqa' b'ibnu." Hu għal l-edukazzjoni tagħkom li intom qegħdin tbatu. Alla qiegħed jimxi magħkom ta' wlied. Min hu dak l-iben li missieru ma jwiddbux? Jekk intom tibqgħu bla twiddib, bħalma kellhom l-ulied kollha, intom tkunu qieskom tfal ta' ħad-dieħor, mhux ulied."*

**IPPREŻENTAT MINN:**

Knisja ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churofchristmalta.com

Laqgħat: Il-Ħadd – Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa – Studju mill-Bibbja: 7.00 p.m.